# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Preliminari Nru.1271

Kaz Nru. 1482

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Adolf Cassar

u

Group 4 Services Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data: 20 ta' Marzu 2002

**Chairman : Is-sur Carmel Debono**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' ittra mill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali datata 31 ta' Ottubru 2000 Ref. MSP/TI/72/2000 biex tigi pprocessata skont l-Artiklu 28/2 tal-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali.

L-appellant, Adolf Cassar, huwa assistit mis-sur, Andrew Mizzi, Segretarju, Taqsima Teknologija u Elettronika waqt li l-kumpanija Group 4 Services Ltd kienet rapprezentata mis-sur Ray Attard u s-sur Ives De Barro assistiti mis-sur Alfred Mallia Milanes.

Peress li l-kumpanija kkontendiet li l-appellant tkecca waqt il-perjodu tal-*probation*, it-Tribunal kellu jiddeciedi jekk dan kienx il-kaz.

Wara li t-Tribunal ra u kkunsidra l-*istatements of case* tal-partijiet, u semgha u kkunsidra t-trattazzjoni verbali fuq dan il-punt, iddecieda li l-impjieg tal-appellant ma giex terminat waqt iz-zmien tal-prova, li fil-kaz tal-appellant ma setghatx teccedi t-tlett xhur skond Artiklu 34 tac-CERA anke jekk seta' u kien hemm kundizzjoni ta' zmien ta' prova (*probation*) ta' sitt xhur fil-ftehim bejn il-kumpanija u l-appellant meta dan gie impjegat *fulltime*.

Ghaldaqstant it-Tribunal iddecieda li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant ma saritx waqt iz-zmien tal-*probation* u ghalhekk jghaddi biex jisma' u jiddeciedi l-meriti tal-terminazzjoni tal-impjieg.

Il-kumpanija ghalhekk trid tibda bil-provi taghha fis-seduta li jmiss.

-----------------------
Carmel Debono
Chairman

-----------------------
Monica Seychell
A/Segretarja